MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 267/2011/1

**Anton Mario Sciberras**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti**

**Rat** li fis-seduta tas-26 ta' April, 2012 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ppronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal,*

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Anton Mario Sciberras fl-1 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrivedi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jgeddidx il-licenza ta' Gwardjan Privat tieghu u jiddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma kellu jirrifjuta li jgedded dik il-licenza ai termini ta' l-Artikolu 10(a) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u jordna lill-istess Kummissarju sabiex jkun ekwu, gust u xieraq fil-konfront tieghu u jgeddidlu l-licenza ta' Gwardjan Privat skond il-Ligi biex ikun jista' jezercita x-xoghol regolari tieghu;*

*Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "F" minn fol. 4 sa' 11 tal-process;*

*Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed biex jiggustifikaw id-decizjoni tieghu li ma jaghtihx il-licenza ta' Gwardjan Privat; u (ii) ir-Rikorrent kien instab hati ta' reat li jaqa' taht it-Titolu V tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè reat li jmur kontra l-fiducja pubblika u ghalhekk kien hemm lok li jigi rifjutat il-hrug ta' tali licenza skont il-Ligi;*

*Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012*[1] *u x-xhieda ta' Ronald Axisa u ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012 u rat id-dokument esebit mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi markat Dok. "SZA1" a fol. 29 tal-process;*

[1] Fol. 26 sa' 27 tal-process.

*Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;*

*Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

*Ikkonsidra:*

*Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 17 ta' Novembru 2011*[2]*, li ma jgeddidlux il-licenza ta' Gwardjan Privat skont l-Artikolu 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996, ossia ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghal din id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq is-segwenti ragunijiet: (i) illi bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anton Mario Sciberras" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011, huwa gie liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data ta' dik is-sentenza u ghalhekk huwa ma nstabx hati ta' ebda wiehed mir-reati imsemmija fl-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jirrifjuta li jgeddidlu l-licenza tieghu ta' Gwardjan Privat in bazi ghal dik l-istess sentenza u in bazi ghal dak l-Artikolu tal-Ligi; u (ii) illi t-tigdid tal-licenza tieghu bhala Gwardjan Privat ma johloq ebda periklu ghall-interess pubbliku ghaliex ghandu jirrizulta li tul l-investigazzjonijiet dwar ir-reati li bihom kien gie akkuzat, huwa ikkoopera bis-shih mal-Pulizija u anke l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wriet fiducja fih u fil-karattru tieghu tant illi lliberatu b'mod kondizzjonali.*

*Il-Kummissarju tal-Pulizija da parte tieghu jikkontendi li t-talba tar-Rikorrent ma ghandhiex tigi milqugha u d-decizjoni tieghu ghandha tigi kkonfermata ghaliex kuntrarjament ghal dak minnu pretiz kien hemm ragunijiet ferm validi ghalfejn il-licenza tieghu ta' Gwardjan Privat ma tigix imgedda u bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2011, huwa gie misjub hati ta' reati kontra l-Fiducja Pubblika liema tip ta' reati ai termini tal-Ligi jaghtu lok ghar-rifjut tal-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat.*

[2] Dok. "E" a fol. 10 tal-process.

*It-Tribunal ma jistax ma jibdiex billi josserva li ghalkemm fl-ittra tas-17 ta' Novembru 2011 indirizzata lir-Rikorrent hemm indikati b'mod generiku r-ragunijiet in bazi ghal liema l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat, kien ikun iktar opportun u konsonu mal-provvedimenti tal-Ligi kieku r-ragunijiet ghar-rifjut gew esposti b'mod kemm xejn iktar car u specifiku.*

*L-Artikolu 11(1) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk il-Kummissarju jirrifjuta li johrog licenza lill-applikant biex jahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat, dan ghandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-decizjoni lill-applikant fejn jaghtih ir-raguni ghal dak ir-rifjut. Izda f'kaz ta' rifjut taht l-Artikolu 10(b), ikun bizzejjed li jiddikjara li l-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku[3].*

*Ghalkemm kif osservat bl-ittra tas-17 ta' Novembru 2011 r-Rikorrent gie infurmat li t-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda inter alia ai termini ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, ma giex indikat lilu taht liema wahda jew iktar mis-sitt cirkostanzi kontemplati fl-imsemmi subartikolu tal-Ligi t-talba tieghu effettivament giet rifjutata. Bl-istess mod, ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lir-Rikorrent li t-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda wkoll in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas milli jindikalu b'mod car li t-talba tieghu kienet qed tigi michuda in bazi ghal konsiderazzjonijiet dwar l-interess pubbliku.*

*Certament b'daqshekk ma jfissirx li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent hija nulla u bla effett fil-Ligi – it-Tribunal zgur mhux qed iqisha bhala tali u del resto lanqas ir-Rikorrent ma avvanza din it-tip ta' kontestazzjoni – izda, it-Tribunal ihossu fid-dmir li jigbed l-attenzjoni ta' u jirrakomanda lill-Kummissarju tal-Pulizija biex fil-futur r-ragunijiet fuq liema jibbaza d-decizjonijiet tieghu u li jigu mgharrfa lill-applikant koncernat ikunu kemm xejn iktar specifici, partikolarment meta c-cahda tista' tkun ibbazata fuq wahda jew iktar minn diversi cirkostanzi kontemplati fil-Ligi.*

[3] Sottolinear tat-Tribunal.

*Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10th Edition) fejn jinghad illi the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration … Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)][4].*

*Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv Ingliz ma' hemmx dubju li japplika wkoll ghas-sistema nostrali u ghalkemm reasons can be briefly stated mill-awtorità pubblika koncernata u decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of issues involved and arguments advanced, xorta huwa desiderabbli li f'kaz ta'*

[4] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

*molteplicità ta' ragunijiet li jistghu jwasslu lill-awtorità ghad-decizjoni taghha, ir-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi debitament indikata.*

*Maghmula din l-osservazzjoni ser jigi issa trattat il-meritu proprio tal-proceduri odjerni u cioè jekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jgeddidtx il-licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent hijiex fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, gusta u debitament ibbazata fuq dak provdut fil-Ligi jew inkella le.*

*Kif iktar 'l fuq osservat il-Kummissarju tal-Pulizija ma geddidtx il-licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent inter alia skont dak provdut fl-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u mill-provi prodotti jirrizulta li d-decizjoni tal-Kummissarju kienet effettivament ibbazata fuq dak provdut fis-subparagrafu (i) ta' l-imsemmi Artikolu 10(a) li jipprovdi illi: il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra sigurtà ta' l-istat, jew ta' omicidju volontarju jew ta' offiza gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor.*

*B'konferma ta' dan appena osservat l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi xehdet illi Anton Mario Sciberras kien ittella' l-Qorti fejn kien ammetta li kien komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz, talli offra vantaggi mhux xierqa lil xi persuna u li xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali. Gie pruvat ukoll li kien hati talli f'dokument mahsub ghall-Awtorità pubblika xejntement ghamel xi dikjarazzjonijiet jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor. <u>Ghalhekk huwa car illi Anton Mario Sciberras fil-fatt wettaq reati li jmorru kontra l-fiducja pubblika u dan kontra l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389[5].</u>*

[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, sottolinear tat-Tribunal.

*Filwaqt illi r-Rikorrent jirrikonoxxi li huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal reati li jmorru kontra l-fiducja pubblika u li giet pronuncjata sentenza fil-konfront tieghu fit-2 ta' Marzu 2011[6], huwa jikkontesta l-konkluzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi b'dik is-sentenza nstab hati ta' reati li jmorru kontra l-fiducja pubblika. Huwa jikkontendi li ladarba bis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 kien gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza hemm l-implikazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati tkun apprezzat illi l-esponent ma jimmeritax ebda piena u certament kellu jinghata opportunità ohra. Jekk il-Kummissarju issa ser jinterpreta din is-sentenza fejn l-esponent inghata fiducja u jinstab taht kundizzjoni tal-Qorti li jgib ruhu sew n-nuqqas ta' tigdid tal-licenza ta' Gwardjan tkun qed tikkundannah ingustament u zzommu mid-dritt naturali li anqas il-Qorti tal-Magistrati ma xtaqet tnaqqaslu u cioè li jahdem ix-xoghol tieghu bhala Gwardjan Privat[7].*

*L-Artikolu 10 tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk fil-konfront ta' l-applikant lill-Kummissarju tal-Pulizija jirrizultawlu wahda jew iktar mic-cirkostanzi hemm elenkati, ghandu jirrifjuta li johrog jew li jgedded licenza ta' Gwardjan Privat. Ghalkemm jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandux wisq diskrezzjoni f'tali rigward ghaliex kif tirrizultalu wahda jew iktar mic-cirkostanzi elenkati fil-Ligi ghandu jirrifjuta t-talba li ssirlu ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat, ma hemmx dubju li ghall-finijiet tal-konsiderazzjonijiet li ghandu jaghmel irid jinterpreta u jikkonsidra l-fatti li jkollu quddiemu – inkluz ghalhekk il-portata guridika ta' sentenza ta' qorti ohra, partikolarment ta' qorti ta' kompetenza kriminali – fil-kuntest u perspettiva fattwali u legali korretta taghhom u mhux jaghtihom interpretazzjoni differenti ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Wara li qies il-provi prodotti u partikolarment ix-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi, it-Tribunal hu tal-fehma li kif gustament kontestat mir-Rikottent il-Kummissarju tal-Pulizija ta interpretazzjoni differenti ta' l-import guridiku tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2011 ghal dak normalment attribwibbli ghaliha skont il-Ligi. In effetti ghalkemm is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 ghandha implikazzjonijiet guridici*

6 Dok. "D" a fol. 7 sa' 9 tal-process.

7 Vide Rikors promotur.

*partikolari, il-Kummissarju tal-Pulizija injora dawn l-implikazzjonijiet guridici u minflok iddecieda li r-Rikorrent effettivament instab hati ta' reati li jmorru kontra l-fiducja pubblika u konsegwentement cahad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza tal' Gwardjan Privat.*

*Kif iktar 'l fuq osservat, bis-sentenza in kwistjoni r-Rikorrent gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data ta' dik is-sentenza. Dwar l-effetti tal-liberazzjoni bla kondizzjoni jew kondizzjonata l-Artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation, Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun[8], minbarra – (a) il-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat. … Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' htija ta' hati li jitqieghed taht probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi ghandha f'kull kaz tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilita jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija[9].*

*Mill-import ta' dan l-artikolu tal-Ligi huwa evidenti li s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tar-Rikorrent fl-ebda kaz, hlief ghal dawk specifikatament stipulati fl-istess artikolu tal-Ligi, li però ma jinkwadrawx fil-fatti tal-kaz in ezami, ma ghandha jew tista titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija tar-Rikorrent ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi[10]. Huwa evidenti ghalhekk li in bazi ghal dik is-sentenza l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' validament u legittimament jasal ghall-konkluzjoni li r-Rikorrent instab*

[8] Sottolinear tat-Tribunal.
[9] Sottolinear tat-Tribunal.
[10] Vide sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Christopher Agius" Appell Kriminali Nru. 99/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004. Ghalkemm din is-sentenza tittratta dwar ordni ta' probation u kwistjoni ta' recidiva, il-principju hemm enuncjat ghandu japplika wkoll f'kaz ta' sentenza liberatorja bla kondizzjoni jew kondizzjonalment.

*hati ta' reati kontra l-fidjucja pubblika u b'hekk jichad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparte dan, mill-Artikolu 25(2) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jirrizulta li d-dikjarazzjoni ta' htija tar-Rikorrent qua persuna liberat b'mod kondizzjonali trid u ghandha tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija, inkluz ghalhekk il-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi ghas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kemm-il darba l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kellu jigi accettat bhala korrett jkunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta' kulhadd.*

*B'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat skont l-Artikolu 10(a) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghalkemm is-sentenza pronuncjata fil-konfront tar-Rikorrent mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma ghandhiex titqies ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bhala dikjarazzjoni ta' htija, b'daqshekk ma jfissirx li il-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax, ghal raguni ohra debitament konstata u kunsidrata, jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat. B'hekk it-Tribunal necessarjament ghandu jikkonsidra u jiddetermina jekk il-Kummissarju tal-Pulizija kienx fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz gustifikat li jichad it-talba tar-Rikorrent anke in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè in bazi ghal konsiderazzjonijiet dwar l-interess pubbliku.*

*In sostenn tad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jichad it-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi xehdet illi oltre l-fatt li skont il-Kummissarju r-Rikorrent kien instab hati ta'*

*reati kontra l-fiducja pubblika, jidher li minhabba twettiq ta' dawn ir-reati, Anton Mario Sciberras mhuwiex persuna ta' karattru affidabbli u ghalhekk it-tigdid tal-licenzja giet rifjutata fuq bazi ta' l-interess pubbliku. Is-sentenza nghatat fit-2 ta' Marzu 2011 jigifieri dan qabel kien illicenzjat maghna ghaliex meta gie biex igedded kien irrizultalna li hargitlu s-sentenza*[11].

*Biex jikkontrasta din l-affermazzjoni fir-rigward tieghu r-Rikorrent ressaq bhala xhud lil Ronald Axisa li huwa l-persuna li effettivament kien jimpjegah bhala gwardjan privat. Mistoqsi dwar ir-Rikorrent u dwar l-affidabilità tieghu fuq il-post tax-xoghol, Ronald Axisa xehed illi jiena kont naf lil huh ghax huh habib tieghi u kien talabni darba, xi sena u nofs ilu, biex inhaddimlu lil huh. Jiena gieghltu jaghmel il-licenzja, haddimtu u sibtu tajjeb hafna u pjuttost nghid li ghandi hafna klijenti, fosthom il-Lidl u tal-McDonalds, dejjem jitolbuni l-istess nies u kull sena noffru l-istess persuni biex jaghtu l-istess servizz [u r-Rikorrent] huwa wiehed minnhom. Nafu bhala familja tajba u kontra qalbi waqqaftu. Fil-bidu ta' Novembru tas-sena li ghaddiet gie u qalli li kellu problema ghaliex il-licenzja tas-security ma gietx imgedda. Ghedtlu li jiena ma stajt naghmillu xejn u kien ser ikolli nitterminalu l-job ghax din xi haga serja u ghedtlu biex iqabbad avukat u l-bieb kien dejjem miftuh ghalih bhal ma dejjem ghedtlu. Jiena bqajt in kuntatt ma' huh u ghedtlu li jekk huh jerga' jgib il-licenzja jiena kont lest li nerga' naghtih il-job lura*[12].

*Wara li t-Tribunal qies ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami fid-dawl tax-xhieda moghtija kemm mill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi kif ukoll minn Ronald Axisa u wara li sema' anke lir-Rikorrent, huwa tal-fehma li f'dan il-kaz ma hemmx raguni valida, lanqas f'kuntest ta' protezzjoni ta' l-interess pubbliku, in bazi ghal liema ghandu jigi rifjutat it-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent. Huwa minnu li r-Rikorrent zbalja izda t-Tribunal ma jqisx li huwa jikkostitwixxi xi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu bhala gwardjan privat.*

*Ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija jikkontendi li siccome persuna li ghandha licenza ta' gwardjan privat tista' fost ohrajn taghti servizzi ta' investigazzjoni*

---

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012.

[12] Xhieda moghtija fit-13 ta' Marzu 2012.

*privata*[13] *huwa ghandu joghqod attent hafna favur min effettivament johrog tali licenza, it-Tribunal xorta wahda ma jqisx li fic-cirkostanzi tal-kaz il-Kummissarju kien gustifikat fid-decizjoni tieghu fir-rigward tar-Rikorrent. Jirrizulta b'mod car mix-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal ghall-konkluzjoni tieghu esklussivament fuq dak li rrizultalu mid-dokumentazzjoni li kellu fil-pussess tieghu minghajr però ma tkellem direttament mar-Rikorrent u seta' b'hekk jippercepixxi kemm effettivament l-istess Rikorrent jikkostitwixxi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu ta' gwardjan privat. Fil-fehma tat-Tribunal talba ta' persuna ghal tigdid ta' licenza li tigi michuda fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku tirrikjedi ezercizzju iktar approfondit minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni disponibbli, partikolarment meta dik ic-cahda tista' teffettwa l-posizzjoni lavorattiva – u b'hekk l-ghajxien – ta' l-applikant.*

*Fattur iehor li fil-fehma tat-Tribunal serjament jimmilita kontra d-decizjoni tal-Kummissarju Pulizija li jichad it-talba tar-Rikotent in bazi ghall-interess pubbliku huwa li l-istess Kummissarju ma ssospendiex jew iritra l-licenza li già kellu r-Rikorrent hekk kif is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2011 ghaddiet in gudikat, kif kellu kull dritt jaghmel ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ha azzjoni f'dak is-sens biss meta r-Rikorrent talab li l-licenza tieghu ta' Gwardjan Privat tigi mgedda ghal sena ohra. It-Tribunal ma ghandux dubju illi kieku verament ir-Rikorrent jikkostitwixxi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu ta' gwardjan privat il-Kummissarju tal-Pulizija kien jagixxi hekk kif is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 ghaddiet in gudikat u mhux jhalli l-kwistjoni ghaddejja sa' meta r-Rikorrent applika ibex il-licenza tieghu tigi mgedda.*

*Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju tal-Pulizija lanqas ma kien gustifikat li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-Rikorrent, jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent bl-ittra tas-17 ta' Novembru 2011 u jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fid-dawl ta' dak kollu*

[13] Artikolu 2 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

*osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija."*

**Rat** li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija hass ruhu agravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellant Kummissarju tal-Pulizija fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva bin-numru 267/2011, moghtija nhar is-26 ta` April 2012.

Illi l-appellat Anton Mario Sciberras applika ghal tigdid tal-licenzja ta` Gwardjan Privat ghas-sena 2012.

Illi permezz ta` ittra datata 17 ta` Novembru 2011, l-appellant Kummissarju tal-Pulizija informa lill-appellat illi t-talba ghat-tigdid ta` din il-licenzja kienet giet rifjutata u dan abbazi ta` l-artikoli 10(a) u 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-appellat ressaq l-ilment tieghu kontra din id-decizjoni ta` l-appellant, nhar l-1 ta` Dicembru 2011, permezz ta` rikors quddiem l-Onorabbli Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva, u dan ai termini ta` l-artikolu 11(3) ta` l-istess Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi permezz tad-decizjoni tieghu moghtija nhar is-26 ta` April 2012, l-Onorabbli Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva laqa` t-talbiet attrici, irrevoka d-decizjoni ta` l-appellant Kummissarju tal-Pulizija u ordna lill-istess appellant sabiex jerga` jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni ghal-tigdid tal-licenzja ta` l-appellat, bl-ispejjez kontra l-appellant Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-appellant Kummissarju tal-Pulizija hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghed prezenzjalment jinterponi dan l-umli appell minnha ai termini ta` l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fl-interpretazzjoni ferm restrittiva tal-principju ta` l-interess pubbliku mill-Onorabbli Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva. Fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal kellu jezamina r-rifjut tat-talba ghat-tigdid minn zewg angoli, u cioe` mill-perspettiva tas-subartikolu 10(a) u minn dik ta` l-interess pubbliku (subartikolu 10(b)). L-appellant qieghed minn issa jaghmilha cara illi hu jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal fil-parti fejn intqal illi bl-applikazzjoni ta` l-artikolu 25 tal-Kap 446, liberta` kondizzjonata ma ghandhiex titqies bhala sejbien ta` htija ai termini tas-subartikolu 10(a)(i) tal-Kap 389, u ghalhekk qieghed jigi ammess illi f'dan il-kaz, l-applikazzjoni ta` l-appellat ma setghetx tigi michuda fuq dak l-istess subartikolu. Pero`, jinghad illi l-mod ta` kif gie interpretat is-subartikolu 10(b), u cioe` x'jikkostitwixxi l-interess pubbliku ghall-finijiet tal-Kap 389, huwa meqjus mill-appellant bhala wiehed restrittiv u nieqes mill-motivazzjoni u dan ghal diversi ragunijiet li sejrin jigu elenkati sussegwentement.

Illi jibda biex jinghad illi fis-sentenza fl-ismijiet *Dottor Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et, deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell nhar it-30 ta` Dicembru 1993*, il-Qorti qalet illi *"l-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta` l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat."* Dan huwa relevanti ghall-kaz odjern ghaliex se juri aktar kemm id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-tigdid tal-licenzja lill-appellat kienet verament fl-interess pubbliku. Biex wasal ghad-decizjoni tieghu, l-appellant Kummissarju tal-Pulizija kkonsidra l-interess tac-cittadini in generali meta dan iddecieda illi persuna li diga` wriet li mhix affidabbli ma nghatatx il-licenzja sabiex tkun tista` tahdem bhala gwardjan privat, mestier illi huwa ferm sensittiv kif se jintwera aktar 'il-quddiem f'dan l-appell.

Illi l-Onorabbli Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva qal is-segwenti fis-sitt (6) pagna tad-decizjoni tieghu:

*"Wara li t-Tribunal qies ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami....huwa tal-fehema li f'dan il-kaz ma hemmx raguni valida, lanqas f'kuntest ta` protezzjoni ta` l-interess pubbliku, in bazi ghal liema ghandu jigi rifjutat it-tigdid tal-licenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent. Huwa minnu li r-Rikorrent zbalja izda t-Tribunal ma jqisx li huwa jikkostitwixxi xi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu bhala gwardjan privat."*

Bl-akbar rispett, jinghad illi ghall-appellant, din l-interpretazzjoni ta` x'jikkostitwixxi l-interess pubbliku ghall-finijiet tal-Kap 389 hija wahda restrittiva ghall-ahhar. Dan ghaliex, ghat-Tribunal allura, biex tigi rifjutata licenzja taht il-Kap 389 fuq il-bazi ta` l-interess pubbliku, l-applikant irid ikun periklu pubbliku, u presumibilment ghalhekk, xi hadd li jkun wettaq reati serjissimi. L-appellant jirrileva illi l-legizlatur diga` haseb ghal din l-eventwalita` fis-subartikoli 10(a)(i)-(vi). Dawn is-subartikoli jinkludu fihom firxa ta` reati gravi, fosthom reati kontra s-sigurta` ta` l-istat, omicidju volontarju, offiza gravi fuq il-persuna, reat kontra l-proprjeta` aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza, reati kontra l-fiducja pubblika, reati gravi ohra, delitt kontra l-persuna, u reati li jaffetwaw il-bonordni tal-familja. F'uhud minn dawn, sejbien ta` htija jfisser illi l-applikant ma jista` qatt jinghata licenzja, mentri f'ohrajn, mat-trapass ta' hames snin, tkun tista' tinhareg il-licenzja. Hawnhekk, il-ligi timponi obbligu fuq l-appellant Kummissarju tal-Pulizija biex malli jigi quddiemu applikant b'xi wiehed minn dawn ir-reati, il-Kummissarju johrog rifjut. Fil-fatt, it-test tal-ligi jghid illi "l-Kummissarju *ghandu* jirrifjuta applikazzjoni..." f'dawk ic-cirkostanzi. Mill-banda l-ohra, fis-subartikolu 10(b) tal-Kap 389, il-Kummissarju tal-Pulizija jinghata d-diskrezzjoni biex jara hu jekk fic-cirkostanzi ghandux ikun hemm rifjut fl-interess pubbliku.

Illi x'hin fid-decizjoni tieghu l-Onorabbli Tribunal rabat rifjut fl-interess pubbliku ma` cirkostanza fejn l-applikant ikun periklu pubbliku, dan irrestringa ferm l-applikazzjoni tas-subartikolu 10(b), meta ma kienx hemm il-htiega, u dan ghaliex il-kazijiet gravi huma diga` koperti bis-subartikolu 10(a)(i)-(vi). F'dan il-kaz partikolari, l-appellat Anton Mario Sciberras kien ammetta quddiem Qorti ta` Gudikatura Kriminali illi kien ghamel reat li jmur kontra l-fiducja pubblika. Effettivament, anke meta gie mistoqsi in kontro-ezami quddiem l-Onorabbli Tribunal x'kien ta lok ghal dan il-kaz kriminali, huwa kien wiegeb illi ma kienx ghadda mit-test tat-teorija tal-licenzja biex ikun jista` jsuq trakk. L-appellat qal ukoll is-segwenti:

*"Darba minnhom kont qieghed il-Marsa u smajt persuna jitkellem, essenzjalment illi dan seta` jirranga biex igib il-licenzja. Jiena avvicinajtu peress li kont nafu ftit u hu qalli li versu somma flus kien lest li jgibli l-licenzja. Jien fil-fatt tajtu kemm talabni u l-licenzja gabhieli."*

Ghalkemm il-Qorti Kriminali, nonostante l-ammissjoni tieghu, illiberat kondizzjonalment lill-appellat, xorta wahda jibqa` l-fatt illi dan ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Il-Kummissarju tal-Pulizija deherlu illi individwu illi jkun ghamel haga bhal din, anke jekk gie lliberat kondizzjonalment, xorta wahda ma hux idoneu sabiex ikun gwardjan privat. L-appellant hawnhekk igib ghall-attenzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell l-artikolu 2 tal-Kap 389, fejn jispjega fost l-ohrajn x'inhuma s-servizzi li jkun gie llicenzjat ghalihom kull min ikun ottjena licenzja ta` gwardjan privat. Jekk wiehed jara sew il-lista, wiehed isib fost l-ohrajn prevenzjoni jew kxif ta` frodi jew serq, provvista ta` persuni sabiex jghassu flus jew xi proprjeta` ohra u servizz ta` investigazzjoni privata. Hemm elenku shih ta` affarijiet ohra li jkun gie llicenzjat ghalihom gwardjan privat, pero` dawn il-ftit ezempji aktar johorgu car kemm hu importanti illi gwardjan privat ikun individwu ta` karattru affidabbli. Huwa opportun ukoll illi jinghad illi gwardjan privat, malli jgib il-licenzja, ikun jista` jaghmel dawn l-affarijiet kollha imsemmija fl-elenku, u hu jkun impjegat ma` agenzija, li imbaghad, timpjegah u tibghatu fejn ikun hemm bzonn ghall-perjodu li jkun hemm bzonn. Fi kliem iehor, illum kapaci l-gwardjan privat ikun ghassa ma` xi restaurant, u ghada jaf ikun ghassa ma` xi diskoteka, jew ma` xi vettura attrezzata ghall-garr tal-flus. Huwa ghalhekk illi s-subartikolu 10(b) qieghed hemm, biex jekk ir-reat li jkun wettaq l-applikant ma jinkwadrax fic-cirkostanzi tas-subartikolu 10(a) minhabba xi teknikalita`, il-Kummissarju xorta jkun jista` jirrifjuta licenzja jekk ikun jidhirlu illi dan l-individwu ma jistax jigi fdat biex jaghmel dan ix-xoghol.

Illi t-Tribunal irrimarka wkoll, fis-sitt (6) pagna tad-decizjoni tieghu, illi l-Kummissarju tal-Pulizija, meta gie biex jirrifjuta din l-applikazzjoni ta` l-appellat fuq is-subartikolu 10(b), messu tkellem direttament ma` l-appellat sabiex ikun jista` jippercepixxi jekk l-appellat jikkostitwix periklu ghall-interess pubbliku jekk ikun gwardjan privat. B'kull rispett, ghalkemm ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal *prima facie* hija l-ideal, l-appellant Kummissarju tal-Pulizija jikkontendi illi xorta wahda jekk tiltaqa` ma` l-individwu m'intix se tippercepixxi l-karattru tieghu fi ftit hin. Apparti dan, jigi rilevat ukoll illi tali suggeriment fil-prattika huwa impossibbli li jigi mwettaq minhabba diffikultajiet logistici u ta` rizorsi. Il-fatti huma dawk li huma. L-appellat f'dan il-kaz

tressaq quddiem Qorti Kriminali mixli b'certi reati, ammetta liberament li ghamilhom, u gie lliberat kondizzjonalment minn dik l-istess Qorti. Ghal liema raguni ghamel li ghamel f'dan il-kaz huwa rrilevanti. Dan ghaliex jekk il-persuna zbalja darba ghax waqa` ghal tentazzjoni, fil-kaz odjern ghat-tentazzjoni li jgib licenzja tas-sewqan b'qerq, fix-xoghol ta` gwardjan privat hemm probabilita` kbira li l-individwu jerga` jigi espost ghal certa tip ta` pressjoni. Is-servizzi li jista` jaghmel gwardjan privat licenzjat huma ta` certa sensitivita` u fl-umli fehema tal-appellant Kummissarju, ma jistax jithalla illi persuni li jkunu wettqu certi affarijiet jigu meqjusa li huma affidabbli bizzejjed ghal dan ix-xoghol.

Illi l-appellant Kummissarju japprezza l-fatt illi l-Qorti Kriminali lill-appellat iddecidiet illi taghtih cans iehor. L-import guridiku ta` dik is-sentenza l-Kummissarju qiesu. Pero` ghandu jinghad illi jekk dik l-Onorabbli Qorti deherilha, u hekk ghandu jkun, illi l-appellat haqqu cans iehor, dan ghamlitu billi ddecidiet illi l-appellat ma jinghatax sentenza ta` prigunerija effettiva jew sentenza li b'xi mod ittebbaghlu l-kondotta, biex b'hekk ikun jista` jerga` jintegra ruhu liberament fis-socjeta` u l-prospetti tieghu ma jigux ippregudikati. Izda, meta l-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta li jgedded il-licenzja ta` l-appellat kawza tar-reati li wettaq, ma jfissirx li kien qieghed imur kontra l-import guridiku tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, ghaliex effettivament, ir-rifjut kien minn xoghol wiehed u mhux minn kull tip ta` xoghol. Fi kliem iehor, jekk il-Kummissarju rrifjuta li johrog il-licenzja lill-appellat, xorta wahda ma jfissirx illi l-appellat ma setax imur iffittex xoghol iehor x'imkien iehor. Irid jinghad illi hadd ma ghandu l-opportunitajiet kollha ezistenti miftuhin ghalih, ghaliex kulhadd huwa mghallem u kapaci f'certi affarijiet biss u mhux f'kollox. Jekk ghall-grazzja ta` l-argument ikun hemm individwu li jrid japplika biex imur skrivan, jekk ma jkollux certi kwalifiki, din l-opportunita` mhix se tkun miftuha ghalih. Fil-kaz odjern, ghalkemm l-appellat kellu l-kwalifiki, fl-opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan kien nieqes minn karatteristika ohra ferm necessarja u importanti ghall-mestier ta` gwardjan privat, u cioe` l-affidabilita`. Ghalhekk, jekk l-interess pubbliku fil-kaz tal-Kap 389 se jkun interpretat daqshekk restrittivament mill-Qrati nostrani, se nigu f'sitwazzjoni fejn il-Kummissarju tal-Pulizija, jekk jaf li bniedem mhux affidabbli ghax dan intwera bil-fatti, se jkun kostrett li johrog il-licenzja jekk ma jkunx jista` jinhareg rifjut taht is-subartikoli l-ohra.

Illi fl-opinjoni ta` l-appellant, thalla barra punt ferm importanti fil-konsiderazzjonijiet ta` l-Onorabbli Tribunal, u cioe` r-responsabbilita` ferm kbira illi ghandu fuqu l-

appellant Kummissarju tal-Pulizija fil-hrug ta` dawn il-licenzji. Ghalkemm sar accenn ghal dan il-punt fid-decizjoni, xorta wahda l-appellant ihoss illi t-Tribunal ma fehemx bizzejjed l-import tad-decizjoni tal-Kummissarju f'dawn il-kazijiet. Li jrid jigi kkunsidrat, u dan dejjem fl-umli fehema ta` l-appellant Kummissarju, huwa x'ikunu l-konsegwenzi jekk tinhareg licenzja f'kaz bhal ma hu dan, u cioe` fejn il-kaz ma jinkwadrax taht ic-cirkostanzi tas-subartikolu 10(a) u minhabba din l-interpretazzjoni restrittiva, lanqas ikun jinkwadra taht is-subartikolu 10(b), u waqt il-qadi ta` dmirijietu, il-licenzjat jiltaqa` ma` xi sitwazzjoni partikolari, ma jzommx l-affidabilita` u jwettaq xi reat li suppost ikun qieghed jipprevenieh. Ezempju ta` dan jista` jkun jekk gwardjan privat jintbaghat ghassa ma` vettura tal-garr tal-flus, dan jigi avvicinat u jara opportunita`, u jispicca biex ikun komplici fit-twettiq ta` serq tal-flus li suppost ikun qieghed jipprotegi. It-Tribunal, fl-umli fehema ta` l-appellant, naqas milli jixtarr x'jistghu jkunu l-konsegwenzi ta` tali decizjoni. Ghalkemm huwa minnu illi individwu ma jistax jigi mcahhad milli jahdem arbitrarjament, xorta wahda jibqa` l-fatt illi jrid jinsab bilanc bejn li wiehed ihalli l-opportunita` ta` xoghol miftuha ghall-individwu partikolari u li wiehed jipprotegi lis-socjeta` billi ma jippermettix li persuni li jkunu wrew li ma humhiex affidabbli jokkupaw karigi sensittivi bhal ma hu l-mestier ta` gwardjan privat.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qed jitlob li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u b'hekk tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva billi tikkonferma illi l-appellant Kummissarju tal-Pulizija kien gustifikat li jirrifjuta fl-interess pubbliku ai termini tas-subartikolu 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta`Malta, it-tigdid tal-licenzja ta` gwardjan privat lil Anton Mario Sciberras, bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra l-appellat Anton Mario Sciberras.

**Rat** ir-risposta tal-Appell tal-appellat Anton Mario Sciberras fejn gie sottomess:-

Illi l-Appell huwa frivolu u vessatorju u ghandhu jigu respint u s-sentenza tat-Tribunal Amministrattiv tas-26 ta' April 2012 ikkonfermata fl-intier taghha ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi s-sentenza tat-Tribunal kienet ben motivata fis-sens li rrimarkat dwar l-obbligu tal-Kummissarju tal-Pulizija liema obbligu huwa ben definit fil-ligi fejn huwa ghandhu jaghtu ragunijiet aktar specifici u mhux generici . Dan jirrizulta lit-Tribunal illi nnota anke decizjonijiet ohra fejn l-atteggjament kien illi kull min kellhu kaz il-Qorti u nghata forma ta' sentenza gie arbitrarjament nnegat mill-hrug jew tigdid tal-licenzja.

Proprju dan kien il-fatt fil-kuntest tal-esponent li huwa verament kien mressaq il-Qorti izda b'differenza ghall-diversi imputati ohra huwa tressaq mixli b'varjeta ta' reati izda gie lliberat ghaliex ma kienx huwa li mar ghand l-awtorita bid-dikjarazzjoni u l-inkartament allegatament iffalsifikat u ma kienx edott mill-metodu usatt sabiex inhargitlu licenzja. Huwa fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal ukoll ikkonferma li huwa mhux kapaci hafna fl-iskola u kien ghalhekk li ma setghax jaghddi mit-teorija sabiex jinghata licenzja tas-sewqan specjali u in fatti ma ghaddiex. Huwa halli f'idejn terzi li hadu hsieb huma jottjenu licenzja ghalih u huwa mar biss jigborha meta rcieva l-karta u ma jistax ghalhekk il-Kummissarju jixhett lill-kulhadd f'kategorija wahda. Dan del resto ma ghamlitux il-Qorti tal-Magistrati u ma jistax ghalhekk il-Kummissarju jippretendi li ghandhu funzjoni, rwol u awtorita il fuq mill-Qrati taghna. Haga li bir-rispett jhoss li ghandhu tant li qed jippresenta l-appell odjern biex jittenta jottjeni din il-prerogattiva li timmina s-sistema guridika taghna b'mod li jahseb li huwa jista jinjora direttiva u implikazzjonijiet ta' sentenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

L-appell odjern jirrikonoxxi il-validita tal-argument mressaq mir-rikorrent Anton Sciberras li kien ukoll akkolt mit Tribunal Amminsitrattiv fis-sens illi ma jesisti ebda appell a bazi tal-Artiklu 10 (a) u tal-Artiklu 25 tal-Kap 389 sentenza ta'liberta kondizzjonata ma ghandhiex titqies bhala sejbien ta' htija tant li l-appellanti Kummissarju tal-Pulizija jaccetta illi huwa ma kellux jirrifjuta t-tigdid a bazi tal-Artiklu 10 (a) haga li fil-fatt ghamel fir-rifjut appellat mir-rikorrenti Sciberras.

L-appell odjern huwa ghalhekk ristrett biss ghall-Artiklu 10(b) fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jidher li qed jappella a bazi tal-interess Pubbliku u ghal mod kif skond hu gie interpretat b'mod restrittiv . L-appell odjern certament ma giex intavolat ghaliex effettivament il-Kummissarju tal-Pulizija jew xi Spettur jaf li effettivament Anton Sciberras realment jista jkun persuna perikoluza ghall-interess pubbliku . Irrisulta u kif ben tajjeb ikkummenta it-Tribunal fid-decide tieghu li l-anqas biex gie mitkellem u l-anqas jafu x'tip huwa . Certament ma jistax minn inkartament jasal ghall-gudizzju li wasal ghalih u jghid li Anton Sciberras jista jkun ta' periklu jew mhux affidabbli .

Diversament min dan l-obbligu jew nuqqas li jesamina u jivverifika, il-Qrati taghna ddedikaw hin , seduti u smigh ta' xhieda sabiex waslu ghall-gudizju korrett taghhom . L-ewwel Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 semghet l-Ispettur li ressaq il-kaz jixhed dwar il-kollaborazzjoni tal-imputat . Ma kienux proceduri li nstemghu f'seduta wahda u kif premess kienu proceduri fejn l-imputat gie illiberat in toto mill-bicca l-kbira tal-akkuzi li ma rrisultawx . Kien hemm biss sejbien ta' htija rigward il-fatt li huwa kien konsapevoli li ottjena licenzja minghajr ma mar ghall-esami pero irrisulta illi l-falsifikazzjoni u dikjarazzjonijiet foloz wettaqhom certament haddiehor ghaliex kif irrizulta huwa mhux tal-iskola.

Huwa xehed fiz-zewg istanzi u il-Gudikanti setghu japprezzaw il-karattru tieghu tant li fiz-zewg istanzi ispira fiducja u affidabilita . Il-Kummissarju jidher li qed jappella ghaliex din is-sentenza tillimita d-diskrezzjoni arbitrarja tieghu , decizjoni arbitrarja li jahseb li huwa jgawdi taht l-Artiklu 10(b) tal-Kap 389 u li timplika certu attenzjoni u xoghol li ma ghandux risorsi u hin ghalihom.

Dan mhux il-kaz ghaliex sabiex jesercita tali artiklu jehtieg l-ewwel jiddedika hin jesamina l-applikant haga li ddikjara f'dawn il-proceduri li ghalkemm huwa l-ideal, huwa impossibbli minhabba nuqqas ta' risorsi u hin. Ic-cittadin ma jistax jirrispondi u jigi kkastigat ghaliex il-Kummissarju ma ghandhux risorsi u ma jixtieqx jiddedika hin jevalwa jekk hemmx jew le periklu ghall-interess pubbliku.

Hin u risorsi jidher li ghandhu biex arbitrarjament jirrifjuta tigdid ta' licenzja u hin u risorsi ghandhu biex jappella u jippresenta aktar proceduri li fuqhom qed jintalab aktar hin tal-Qrati taghna li jkollhom jissindakaw u jaghtuh direzzjoni. Ma jistax il-Kummissarju tal-Pulizija jappella ghaliex jhoss illi d-diskrezzjoni tieghu giet ikkontrollata. Huwa ma esaminax lill Anton Sciberras meta l-Qrati ben meta pronunzjaw nuqqas ta' htija u taw sentenza ta' Liberatorja kundizjonata u anke fit-Tribunal semghu xhieda inkluz l-imputat dwar il-karattru li fih ma huma qed jaraw ebda periklu lis-socjeta .

Infatti it Tribunal espressament jirrimarka li juri affidabilita'.

Ix xhud Ronnie Axisa ukoll jinsiti li huwa bhala direttur ta' socjeta tal-Gwardjani u Security qed jistenna li jerga jimpjega lil Sciberras ghaliex socjetajiet bhal Lidl u Mc Donalds baqghu jixtiequ s-servizzi tieghu . Dawn kollha l-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Ispetturi tieghu setghu facilment jaslu ghalih. Di piu l-Ispetturi jafu li mhux biss gej min familja tajba izda jafu ukoll li huh huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk jesistu l-kriterji kollha ta' kontroll , referibilita u gharfien tal-isfond familjari u tal-karattru ta' Sciberras . In-nies mhux semplicement inkartament , in-nies mhux kollha jitpoggew f'keffa wahda ; Il-Kummissarju jew ahjar ufficjali tieghu kellhom jiddedikaw hin u risorsi jasal ghall-uzu tad-diskrezzjoni u jiehdu in konsiderazzjoni il-gudizju tal Qorti tal Magistrati u mhux jinterpreta d-diskrezzjoni tieghu arbitrarjament minghajr ma jesamina u jivverifika , haga li kellhom jaghmlu l-Qrati taghna minfloku .

Kif premess certament il-Kummissarju jinstab jappella mhux ghaliex jahseb u jhoss li Sciberras joffri verament xi periklu ghall-interess pubbliku izda ghaliex l-import tas-sentenza jaghbbih bl-obbligu li jesamina u jikkunsidra tigdid jew rifjut b'aktar responsabilita . L-appell jimina l-bazi tas-sistema legali taghna ghaliex kieku din l-Onorabbli Qorti kellha taccettta l-argument li fuqhu huwa bbazat l-appell odjern jkun ifisser illi ic-cittadin inkluz Sciberras ma ghandhu ebda protezzjoni ghad-drittijiet tieghu u l-Kummissarju jithalla juza diskrezzjoni arbitrarja minghajr ma jikkalkula kull kaz u kull persuna fuq il-mertu tieghu . Il-Qrati taghna ddedikaw hin prezzjuz jesaminaw il-materja u il-Kummissarju jehtieg ukoll jiddedika hin u mhux jiggustifika ruhu li ma ghandux risorsi u mhux prattiku li joqghod jkellem lill applikanti ( vide folio 3 tal-Appell l-ahhar paragrafu ). Huwa proprju dan li t-Tribunal pprova jfiehem li il-Kummissarju ghandhu obbligu li biex jesercita d-diskrezzjoni tieghu jehtieg li dik jasal ghaliha b'xi mod u li certament timplika u taghbbih b'responsabilita u mhux jirrifjuta minghajr ma jirrisultalu xejn .

Kieku rrisultalu xi haga li tipprejokkupah kien certament jippresentaha lit-Tribunal sabiex jissustanzja d-decizjoni tieghu u jikkonvinci t-Tribunal li hemm certa biza u pregudizzju fl-interess pubbliku ghaliex il-licenzja ma ghandiex tiggedded . Ma hemm xejn min dan kollu tant li espressament it Tribunal mill-assessment li ghamel mis-smigh u l-komportament tax-xhud, li ma hemmx raguni valida u l-anqas f'kuntest ta'

protezzjoni tal-interess pubbliku ghaliex Sciberras ghandhu jigi mcahhad mill-esercizju fix-xoghol tieghu bhala gwardjan .

It-Tribunal kompost min Magistrat u zewg avukati fuq id-diversi seduti setgha jara lill Sciberras akkumpanjat mill-familjari tieghu u semghu kif Sciberras ma jistax jahdem minghajr din il-licenzja u jinstab disokkupat mhux ghaliex ma jixtieqx jahdem izda minhabba l-interpretzzzjoni generali u inkunsiderata tal-Apellant li ma jixtieqx jiddedika hin jesamina kull kaz u applikant fil-perspettiva personali tieghu . Sciberras xehed illi huwa vicin li jizzewweg u jifforma familja u ghandhu pizijiet finanzjarji li ma jistax jiffaccja jekk ma jkunx jista jahdem. Dan jinstab jigi premess sabiex din l-Onorabbli Qorti ukoll joghgobha bhat-Tribunal Amminsitrattiv tispjega u twissi lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-inkarigati tieghu ma jabbuzawx mid-diskrezzjoni li tikkwalifika l-ligi. Il-Ligi certament ma xtaqitx diskrezzjoni arbitrarja u illimitata li wiehed jaghmel kif jidhirlu minghajr ma jikkunsidra l-hadd u xejn.

In sintezi dak li ttenta jaghmel it-Tribunal li jigbed l-attenzjoni lill-appellanti li d-diskrezzjoni timplika responsabilita u kunsiderazzjoni fuq min jesercitahha. Certament f'dan il-kaz dan ma sarx kompitu li kellu jaghmlu it-Tribunal Amministrattiv li ta' importanza ghall fatt ukoll illi l-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-imputat, taghtu cans u opportunita li japprezza mentri r-rifjut tal-licenzja jmur kontra dik ix-xewqa ta' sentenza ta' liberatorji u jikkancella c-cans tax-xoghol li huwa dritt fundamentali u bbazat fuq l-Gustizzja Naturali li ukoll gie enuncjat u citat bhala raguni ghad-decide mit-Tribunal ta' Revizjoni.

Preokkupanti ferm huwa l-argument mressaq a paragrafu 12 tal-Appell fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni u jilmenta illi d-decizjoni tat-Tribunal Aminsitrattiv ser twassal ghall-interpretazzjoni restrittiva ta' x'jikkostitwixxi interess pubbliku. Bir-rispett l-appellant qed jhawwad zewg kuncetti distinti izda relatati, li huma l-affidabilita' u l-interess pubbliku. Li ttenta jispjegalu t-Tribunal Amminsitrattiv huwa li sabiex jasal ghal tali decizjoni ta ' rifjut jehtieg jesamina u jqis il-persuna haga li skjettament ma johlomx jew ma jixtieqx jew ma ghandhux risorsi biex jaghmel. Ergo mill-posizzjoni li qed jippretendi li jiehu certament ma jista qatt jasal u japprezza jekk persuna hijiex affidabbli jew le u konsegwentement li toffri xi periklu ghall-interess pubbliku. Li kieku indenja ruhu jaghmel dan l-esercizju meta jidher quddiem it-

Tribunal kien jippresenta dak li jkun sar jaf hazin dwar l-imputat u it-Tribunal jekk jikkonvinci ruhu li hemm xi periklu jirrifjuta it- talba ta’ Sciberras.

Bir-rispett li jinghad *“li intwera bil-fatti li mhux affidabbli”* mhux mis-sewwa. Il-Kummissarju ma gab l-ebda fatti jew prova li jippermettulu jsostni hekk. L-Anqas biss kellem lill-applikant u l-anqas wera x-xewqa li jassumi l-kompitu li jesamina xejn dwaru jew fil-futur applikanti bhalu. L-appell carament gie ppresentat ghaliex jimporta obbligu li l-Kummissarju haseb li ma kellux mentri jirrisulta car u skjett li fl-esercizju ta’ diskrezzjoni almenu Spettur jibghat ghalieh u jaghmel assessment serju. Fl-esercizju tad-diskrezjoni kif nnotat mit-Tribunal giet skartata kompletament x-xewqa tal-Qorti tal-Magistrati li jigi liberat bil-kundizzjoni. Kunsiderazzjoni li timplika liberatorja accettata mill-istess Kummissarju fi stadju biss ta’ Appell izda mhux fi stadju quddiem it Tribunal Amministrattiv.

Ben tajjeb irrimarka it-tribunal. Il-fatti tal-kaz juru li bil-kontra kien hemm affidabilita’ ghaliex mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta’Marzu 2011 il-Kummissarju ma dehrlux fid-diskrezzjoni tieghu li kellu jissospendi l-licenzja u halla lil Sciberras jesercita l-licenjza bhal gwardjan. Dan jikkonferma bhala fatt illi ma kien hemm ebda periklu vvantat taht il-premessa tal-interess pubbliku jew taht nuqqas ta’ affidabilita’. Dan kien favur u ghal kreditu ta Sciberras u assessment illi l-Kummissarju kellu jikkunsidra u dan gie apprezzat mit-Tribunal li sostna illi fl-esercizju tad-diskrezzjoni l-Kumissarju u l-ufficjali tieghu jehtiegu jaghmlu forma ta’ kunsiderazzjoni. Mhuwiex il-kompitu ta’ Sciberras li jelenka x’ghandhom jkunu l-kriterji uzati izda certament jinkludu fost l-ohrajn anlizi tal-kondotta (Sciberras ghandu kondotta nadifa, jekk huwiex first time offender, l-eta tieghu, il-familja tieghu, l-impjieg tieghu (Sciberras dejjem hadem u t-talba ghal tigdid hija motivata essenzjalment mill-hegga li jahdem) u diversi fatturi ohra li jtuk idea tal-persuna. Minghajr ma jsir kuntatt difficli anzi impossibli tesercita d-diskrezzjoni li titlob il-ligi.

L-appell huwa ghalhekk ingustifikat ghaliex jittenta jitlob esoneru ghal dan l-obbligu pronunzjat fl-Artikolu tal-Ligi , bbazat fuq il-principji tad-Dritt Naturali tant kolonna importanti fid-Dritt Amministrattiv u ben tajjeb spjegat fis-sentenza tat-Tribunal ta’ Rivizjoni Amministrattiva.

Ghalhekk l-appellat Sciberras qed jitlob li din il-Qorti terga tikkonferma id-decizjoni tat-Tribunal Amministrattiv fl-intier taghha u tirrespingi l-appell odjern stante li hu car aktar min qatt qabel li l-uniku targa li jifdallu ic-cittadin inkluz l-applikant Sciberras huma l-Qrati u l-Gudikanti Maltin li fid-decide taghhom jwasslu l-obbligu li sentenza u /jew Artiklu tal-ligi jimporta dover fl-esercizju tad-diskrezzzjoni u meta dik id-diskrezzjoni tintuza b'nuqqas jew tintuza arbitrarjament jkunu l-Qrati taghna li jintervjenu. Ceratment ghandhu jkun car illi l-Kumissarju mhux ser jigi kostrett johrog jew jgedded licenzja izda sabiex jasal ghal tali rifjut jehtieg almenu jaghti kunsiderazzjoni ghad-decide, interpretazzjoni tal-istess u jesamina l-applikant jekk potenzjalment jistax joffri periklu u meta jirrifjuta jhossu konvint li f'kaz ta' kontestazzjoni ghall-esercizju tad-diskrezzjoni tieghu jirnexxielu jikkonvinci il-Gudikant li dan kien rifjut gustifikat. Fil-kaz odjern skjettament hareg illi ma jixtieq jkollu jikkunsidra u jahli hin jesamina la lill-applikant Sciberras u wisq aktar persuni ohra.

Bir-rispett u ghall-gudizzju savju u finali ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kifukoll l-atti kif kompilati quddoem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

**Rat i**d-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Il-presenti hu appell tal-intimat appellant Kummissarju tal-Pulizija mis- sentenza tas-26 ta' April, 2012 tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva fil-vertenza bejn l-istess appellant u l-appellat Anton Mario Sciberras. L-appellat kien ippresenta rikors quddiem l-imsemmi Tribunal fejn talab li tigi riveduta d-decizjoni tal-appellant li ma jgeddidx il-licenza ta’ Gwardjan Privat tal-appellat u inoltre talab li jigi dikjarat li l-appellant qatt ma kellu jirrifjuta li jgedded l-imsemmija licenza ai termini tal-Artikolu 10(a) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement li tigi revokata l-imsemmija decizjoni tal-appellant u tigi mgedda l-licenza ta’ Gwardjan Privat skond il-Ligi.

F’dawk il-proceduri l-appellant Kummissarju tal-Pulizija oppona l-imsemmija talbiet tal-appellat u talab li l-istess jigu michuda in vista li (i) hemm ragunijiet validi li jiggustifikaw l-imsemmija decizjoni tieghu li ma jaghtihx il-licenza ta’ Gwardjan Privat u (ii) l-appellat kien instab hati ta’ reat li jmur kontra l-fiducja pubblika u konsegwentement hemm lok li jigi rifjutat il-hrug ta’ tali licenza skont il-Ligi. Mill-bidu nett ghandu jigi ddijkjarat li zgur ma jirrizultax l-imsemmija ragunijiet validi li jippretendi l-appellant. Inoltre mhux minnu li teknikament l-appellant kien instab hati ta’ reat.

It-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva bis-sentenza li qed tigi appellata ddecieda l-vertenza billi laqa t-talbiet tal-appellat Sciberras u b’hekk irrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwstjoni u ordna lill-appellant Kummissarju tal-Pulizija sabiex jerga’ jikkonsidra l-applikazzjoni tal-appellat ghat-tigdid tal-licenza ta’ Gwardjan Privat ai termini tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal fl-istess sentenza. It-Tribunal ordna ukoll li l-ispejjez tal-proceduri quddiem l-istess Trubunal ghandhom jigu sopportati mill-appellant Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kummissarju tal-Pulizija hassu aggravat b’din is-sentenza tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva u interpona minnha l-presenti appell. Fl-uniku aggravju tieghu l-appellant jilmenta dwar interpretazzjoni “ferm” restrittiva tal-principju tal-“interess pubbliku” kif adottata mit-Tribunal fid-decizjoni appellata.

Hu importanti, hawnhekk, li jigi nnotat li l-appellant jammetti li ir-rifjut tieghu li jgedded jew johrog il-licenzja in kwestjoni ma jista qatt jigi gustifikat ai termini tal-provedimenti tal-imsemmi sub-artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta,u dan stante li l-liberta’ kondizzjonata m’ghandha qatt titqies li timplika sejbin ta’ htija. Dan hu principju generali li hu ukoll ikkonfermat fil-Ligi. Ghalhekk l-appellant jaqbel li r-rifjut tieghu, f’dan l-appell, ghandu biss jigi esaminat mill-ottika tal-imsemmi artikolu 10(b) tral-istess Kapitolu u cioe’ jekk jistax jinghad li ir-rifjut sethax jigi gustifikat bil-porinciojital-“interess pubbliku.”

L-appellant ma jaqbilx ma kif it-Tribunal interpreta dak li jikkostitwixxi l-interess pubbliku ghall-finijiet tal-Kapitolu rilevanti u cioe’ l-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellant isostni li r-rifjut tieghu kien ibbazat fuq il-fatt li l-appellat wera li mhux affidabbli biex jaghmel xoghol “ferm sensittiv” ta’ gwardjan. Skond l-appellant id-decizjoni appellata timplika li sabiex applikazjoni ghall-hrug ta’ licenzja tista tigi michuda a bazi tal-interess pubbliku hemm bzonn li jigi qabel accertat li l-applikant wettaq reati serjissimi.

Effettivament l-interpretazzjoni adottata mit-Tribunal ma timplika xejn minn dan kollu izda tesigi biss gustament li d-diskrezzjoni amministrattiva trid tigi uzata b’mod ekwu u skond dak li trid il-ligi anke in vista tal-fatt li l-uzu ta’ tali diskrezjoni jista jaffettwa anke d-drittijiet fundamentali tac-cittadini. It-Tribunal ikkonferma li s-subartikolu 10(b) in kwestjoni ghandu jigi applikat ragjonevolment u b’adezjoni attenta u shiha ta’ dak li huwa stess jipprovdi. Ghalhekk it-Tribunal ma adottata l-ebda interpretazzjoni restrittiva izda kkonferma li diskrezzjoni amministrattiva ghandha tigi esercitata b’mod ragjonevoli u fir-rispett tad-drittijiet kollha ta’ min ser jigi affettwat mill-uzu ta’ dik l-appikazzjoni. F’dan ir-rigward l-appellant jissottometti li kazijiet fejn l-applikant ikun instab hati ta’ xi reat serju huma regolati mis-sub-artikoli (a) in kwestjoni u kwindi ma hemmx ghalfejn li dawn jigu milquta ukoll mis-sub-artikolu (b). Dan hu ragjonament pjutost stramb stante li l-appellant gia qabel li ssub-artikolu (a) mhux applikabbli f’dan il-kaz stante li l-appellat Sciberras meta gie akkuzat b’reat kontra l-fiducja pubblika kien gie liberat kondizzjonalment, nonostante li kien ammetta l-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu. Hu ormai ben assodat li tali liberazzjoni ma timplijka ebda htija. L-appellant donnu li permezz dan l-appell irid jikkapovolgi s-sentenza tal-Qorti Kriminali kif ukoll irid isib skuza biex ma jsegwix s-sentenza in kwestjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni. Il-fatt li l-appellat ammetta hu irrilevanti u li jodd hu li l-appellat gie liberat bil-kondizzjoni. L-appellant, hawnhekk

ird jiehu ghalih innifsu l-funzjonijiet ta’ Qorti u jiddeciedi hu u mhux il-Qorti min hu affidabbli jew mhux. Inoltre fl-opinjoni tal-Qorti l-appellant ma setghax jasal ghall-konkluzjoni, fic-cirkostanzi partikolari, li l-appellat mhux affidabbli u dan anke tenut kont tal-elenku ta` affarijiet li ghandu jaghmel gwardjan privat.

Ghandu ragun it-Tribunal meta kkummenta li l-appellant messu indaga ahjar qabel ma rrifjuta li jgedded il-licenzja in kwestjoni, inkluz li kellu almenu jkellem lill-appellat biex jifhem ahjar is-sitwazzjoni specjali tal-kaz, anke in vista tal-fatt li d-decizjoni li kien ser jiehu kien ser ikollha riperkussjonijiet fuq il-futur lavorattiv ta’ cittadin kif ukoll fuq drittijiet anke fundamentali tal-istess cittadin. Li hu zgur hu li d-decizjoni m’ghandhiex tkun ibbazata fuq probabilitajiet, kif donnu qed jimplika l-appellant. In effett l-istess appellant japprezza li l-Qorti Kriminali tat opportunita’ ohra lill-appellat, pero’ fl-istess hin l-appellant wera ukoll ir-rieda tieghu li jichad tali opportunita’ lill-appellat. Sabiex jista jinghad li uzu ta’ diskrezzjoni mhux arbitrarja hemm bzonn li jigu segwiti ukoll il-principji generali tal-gustizzja naturali. Oltre dan L-appell hu impernjat fuq l-interpretazzjoni tal-principju tal-interess pubbliku. Jidher li l-appellant jillimita li jghid li l-interpretazzjobni tat-Tribunal kienet wisq ristretta, pero’ ma japprofondix dan il-kuncett tieghu, u ma jghatix dettalji fir-rigward ta’ din is-sottomissjoni tieghu.

Fid-dawl tal-premess dan l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija jimmerita li jigi rigettat filwaqt li s-sentenza appellata tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandha tigi konfermata fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad dan l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u fl-istess hin tikkonferma ”in toto” s-sentenza appellata tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva tas-26 ta' April, 2012.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu kollha mill-appellant Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------